IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2021
COM(2021) 320 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-Prijoritajiet Strateġiċi bejn l-UE u t-Tuneżija sakemm ikunu adottati dokumenti bi sħab aġġornati mill-UE u t-Tuneżija

ANNESS

DEĊIŻJONI Nru xx/2021 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U T-TUNEŻIJA

ta' [dd/mm/yyy]

li jaqbel dwar l-estensjoni tal-Prijoritajiet Strateġiċi bejn l-UE u t-Tuneżija

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U T-TUNEŻIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Tuneżija, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim Ewro-Mediterranju"),

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998[1].

(2) Skont l-Artikolu 80 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim.

(3) L-Artikolu 90 tal-Ftehim jipprevedi li l-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jaraw li jinkisbu l-għanijiet stipulati fil-Ftehim.

(4) Bid-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tad-9 ta' Novembru 2018, l-UE u t-Tuneżija qablu dwar Prijoritajiet Strateġiċi biex jiggwidaw is-sħubija għall-perjodu 2018-20[2].

(5) Fi skambju ta' ittri, iż-żewġ Partijiet qablu dwar il-validità kontinwa tal-Prijoritajiet Strateġiċi bejn l-UE u t-Tuneżija bħala dokument ta' gwida biex tiġi kkonsolidata s-sħubija sakemm jiġu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda.

(6) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistipula l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan;

[1] ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI tas-26 ta' Jannar 1998 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Euro-Mediterranju li jwaqqaf assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra; ĠU L 97; it-30 ta' Marzu 1998.

[2] Id-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija tad-9 ta' Novembru 2018 li tadotta l-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija għall-perijodu 2018-2020; ĠU L 293/39; 20.11.2018.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li jaġixxi bi proċedura bil-miktub, jiddeċiedi li l-Prijoritajiet Strateġiċi bejn l-UE u t-Tuneżija annessi mad-Deċiżjoni tiegħu Nru 01/2018 tad-9 ta' Novembru 2018, jiġu estiżi sakemm jiġu adottati dokumenti bi sħab aġġornati ġodda mill-UE u t-Tuneżija.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi xx, [jum xahar sena].

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni